MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 98/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**
**Godwin u Rita mizzewgin Guntrip**
**(I.D. nri. 223353(M) u 441359(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fl-4 ta’ Frar, 2009 li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fis-17 ta’ Lulju 1998 (Dok. A) in atti Nutar Dottor Anthony Abela, u fl-iskrittura privata, datata fis-27 ta’ Mejju 1998 (Dok. B), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Godwin u Rita mizzewgin Guntrip;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta’ Godwin u Rita mizzewgin Guntrip fis-somma ta’ hamsa u tmenin elf,

mitejn u hamsa u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€85,235.74) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Godwin u Rita mizzewgin Guntrip mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C52", u "D1 sa D20") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta' Dicembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Godwin u Rita mizzewgin Guntrip;
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Godwin u Rita mizzewgin Guntrip li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fis-6 ta' Dicembru 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Godwin u Rita mizzewgin Guntrip (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Godwin u Rita mizzewgin Guntrip li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Godwin u Rita mizzewgin Guntrip jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€85,235.74) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta’ Godwin u Rita mizzewgin Guntrip mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C52”, u “D1 sa D20”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta’ Dicembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fis-6 ta’ Dicembru 2006 kontra l-konvenuti li huma ngunt minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Joseph Hollier ghall-bank attur, fis-seduta tal-25 ta’ Frar, 2010, jikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar kien baqa ma thallas xejn minghand il-konvenuti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-bank attur is-somma ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€85,235.74) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta’ Godwin u Rita mizzewgin Guntrip mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C52”, u “D1 sa D20”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta’ Dicembru

2008 sad-data ta' l-effettiv pagament dovuta kif inghad; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------